MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 527/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Brian Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta' Lulju, 2010 ghall-habta ta' 8.00 a.m. gewwa Swan Lake, Triq Had-Dingli, Rabat
1. ingurja u/jew hedded lil Carmen Azzopardi, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
2. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika, bi storbju, b'ghajjat u ġlied;
3. ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Carmen Azzopardi hekk kif iċċertifikat minn Dr. J. Preca ta' Mater Dei Hospital.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Novembru, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 339(1)(e), 338(dd), 221(1) u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni akkuza w minnha lliberatu izda sabitu hati tal-ewwel u t-tielet akkuzi u kkundannatu xahar prigunerija sospiza ghal sena ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta’ Dicembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tat-tieni akkuza, tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-akkuza numru wiehed u tlieta w konsegwentement tilliberah mill-piena nflitta fuq dawn l-akkuzi u f’kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellant talba li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-appellant qatt ma kellu l-intenzjoni li jikkaġuna ferita ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ martu Carmen Azzopardi;

3. Illi l-piena ta’ xahar priġunerija sospiża għal sena kienet eċċessiva u ħarxa żżejjed.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tbiddilx sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din tkun legalment u raġjonevolment korretta.

Din il-Qorti reġgħet semgħet il-provi mill-ġdid waqt li rat ukoll iċ-ċertifikat tat-tabib dwar il-ġrieħi ta' mart l-appellant, l-affidavit tat-tabiba y l-affidavit ta' PC 317 Paul Louis a paġina 4.

Mill-okkorrenza a paġina 5 jirriżulta li mart l-appellant għamlet il-kwerela  dwar l-inċident fid-9 ta' Lulju 2010. Carmen Azzopardi kienet irrapurtat li l-appellant kien taha daqqtejn ġo wiċċha.

Il-proċedura tmexxiet mill-Pulizija.
Meta xehdet quddiem din il-Qorti fis-6 ta' Ġunju 2011, Carmen Azzopardi baqgħet tinsisti fuq din il-verżjoni li qalgħet daqqa ġo wiċċha (fuq ħaddejha)  u saħasitra għamlet il-ponn b'idha biex turi lill-Qorti kif kienu jdejn l-appellant meta taha d-daqqa ta' ponn.  Ukoll fil-kontro-eżami baqgħet tgħid li hija qalgħet daqqtejn ta' ponn fuq wiċċha.  Inqrat ukoll dik il-parti tal-affidavit ta' PC 317 Paul Louis Attard fejn it-tifel Renton qal lill-PC imsemmi – 'qalli li 'l-papa' laqatha f'wiċċha lill-mummy u qal ukoll lo mhux vera kif bdiet tgħid ommu li taha daqqa ta' ponn.' Madankollu, wara mistoqsija mill-abbli difensur, ix-xhud ma biddlitx il-verżoni tagħha.

Min-nħa l-oħra l-appellant xehed li hu kien laqat lil matu b'subgħajh.  Huwa xehed ukoll li ibnu jaf li mhxu vera għax meta kienet waslitlu n-notifika tal-appell, dan qallu 'din tad –daqqa hu, tal-famuża daqqa ta' ponn'.  Dan il-kliem ix-xhud qalu biex juri li ibnu wkoll ma kienx emmen li l-omm kienet qalgħet daqqa ta' ponn minn għand l-appellant.  L-appellant ma nnegax li kien laqat lil martu fil-warda ta' wiċċha.

Il-Qorti eżaminat ir-rapport tat-tabib li fih dan il-kliem:

'Kellha ħmura u nefħa fiż-żewġ naħat ta' wiċċha fuq il-ħaddejn u fqu għajnejha.  Kellha uġigħ fiċ-ċeġ ħaddejn speċjalment tax-xellug.'

Rat ukoll ir-ritratti esbiti.

Il-Qorti kkonkludiet li l-vittma tassew qalgħet daqqa ta' ponn u mhux biss daqqa ta' xi subgħa tal-appellant. Il-ħmura tal-ħaddejn u fqu l-għajn li tidher fir-ritratti, il-ħmura li semmiet it-tabiba, l-uġigħ kif ukoll il-metodu tad-daqqa kif deskritti mill-vittma kollha juru li mart l-imputat kienet milquta f'wiċċha b'daqqa ta' ponn.

Għalhekk din il-Qorti qed tara li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti kienet waħda raġonevoli.

M'hemm ebda dubju dwar li l-offiża kienet waħda ħafifa.

M'hemmx provi dwar it-tieni impoutazzjoni li minnha l-appellant kien liberat u konsegwentement ma kienx hemm appell minnha.
Dwar il-pinea, din kienet fil-parametri tal-Liġi u l-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tbiddel din il-piena.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant, konsegwentement qed tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-24 ta' Novembru 2010 li kienet ta' xahar priġunerija sospiża għal sena b'dan pero' li s-sena tibda tgħaddi mill-jum meta tinqara din is-sentenza. Il-Qorti qed twissi lill-appellant x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa jwettaq xi reat ieħor fis-sena li ġejja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------